Minuti tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi (KLQ) u tal-laqgħa numru tlieta u sittin (63) li nzammet nhar it-18 ta' Diċembru 2023 fis-6.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi 7 Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |
| Skuzat: | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| Assenti: | Is-Sur Daniel Farrugia | Kunsillier |

63.01 **Qari tal-Ittri tal-Apoloġija** — Apoloġiji

Id-DSE qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Charles Zerafa, u dan kien skuzat unanimament.

63.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru tnejn u sittin (62)** — Minuti

Il-Minuti tas-seduta numru tnejn u sittin (62) kienu kkunsidrati bħala moqrija peress li kienu disponibbli minn ħafna ġranet qabel u ma kienx hemm korrezzjonijiet. Dawn il-Minuti kienu mressqa għall-vot mis-Sur Patrick Bugeja u kienu ssekondati mis-Sa Marion Parnis u kienu approvati b'vot unanimu mingħajr korrezzjonijiet.

63.03 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.03.01 Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi Iltaqa' mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, dwar il-pavimentar ta' quddiem il-Knisja, jiġifieri bejn il-Pjazza u l-Hunters Bar fi Triq Rokku Buhagiar. — Laqgħa mad-Dip tax-Xogħlijiet

63.03.02 Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi nhar it-22 ta' Novembru kien iffirmat *Memorandum of Understanding* dwar il-pavimentar ta' Triq il-Karwija u t-Triq/Pjazza ta' wara s-Santwarju tal-Ħniena għal fejn jaħarqu n-nar tal-ajru. — MOU – kisi ta' toroq

63.03.03 Nhar il-25 ta' Novembru, is-Sindku, is-Sur David Schembri attenda Seminar bl-isem *Back to Basics* li kien organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. — Back to Basics

63.03.04 Nhar is-27 u t-28 ta' Novembru 2023 kien hemm seminar organizzat mill-ALBA dwar *procurement*. Ir-rappreżentant għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien is-Sindku, is-Sur David Schembri. — Procurement



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

63.03.05 Is-Sur David Schembri attenda għall-*Peace Walk* li kienet sponsorjata mill-Awtorità Maltija għat-Turizmu. Peace Walk

63.03.06 Nhar is-26 ta' Novembru, is-Sur David Schembri attenda għal seminar organizzat mill-EBCAN EBCAN

63.03.07 Kien hemm laqgħa oħra dwar il-proġett tal-playground f'Wied iz-Zurrieq li hemm l-intenzjoni li jimmaterjalizza fil-Belveder t'isfel jew ta' fuqu. Dan il-proġett se jkun iffinanzjat mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Bandli f'Wied iz-Zurrieq

63.03.08 Is-Sindku, is-Sur David Schembri attenda għall-kunċert tal-Milied tal-Iskola tal-Primarja tal-Qrendi. Kunċert tal-Milied

63.03.09 Is-Sindku, is-Sur David Schembri attenda għas-Seminar tas-Servizzi Ewropej Malta dwar l-Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF) 2021-2027. SEM - seminar

63.03.10 Intqal mis-Sindku, is-Sur David Schembri illi kien hemm zewġ attivitajiet ta' *filming* f'Wied iz-Zurrieq u akkwistajna *grant*. Kien hemm is-suġġeriment li dawn nistgħu nuzawhom għal għan nobbli bħal per ezempju noħorgu t-tfal għand l-għaqda li tieħu ħsieb iz-zwiemel li jkollhom bzonn attenzjoni, li tinsab fl-inħawi ta' San Niklaw. Filming f'Wied iz-Zurrieq

63.03.11 Is-Sindku, is-Sur David Schembri attenda laqgħa dwar Sustainable Tourism Pathways dwar il-*Faith Tourism.* Faith Tourism

63.03.12 Kienu rrestawrati l-pittura u l-kurċifiss tal-Kappella tal-Ħniena b'fondi Ewropej u se nwaħħluhom dalwaqt f'posthom. Din kienet skema li dħalna għaliha permezz ta' GAL XLOKK u issa irridu nagħlquha. M19

63.03.13 Is-Sindku, is-Sur David Schembri attenda Seminar fuq il-Human Rights organizzat mill-President Imeritus Marie Louise Coleiro Preca. Human Rights

63.03.14 Iridu jiġu ppubblikati tliet kotba, tnejn li se jkunu ffinanzjati mil-fondi Ewropej u ieħor mil-fondi tal-Kunsill. Wieħed minn dawk li se jkunu ffinanzjati mil-Fondi Ewropej se jkun abbinat ma punt 63.03.12 Pubblikazzjoni ta' tliet kotba

63.03.15 Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem fuq l-avveniment tal-Pussess tal-Kappillan tal-Qrendi li kien konċelebrat nhar il-Ħadd, 17 ta' Diċembru 2023. Hu irringrazzja lil kunsillier Charles Zerafa li attenda flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv u qal li din kienet okkazjoni ferm importanti u sabiħa għall-Qrendi li kien promoss lokalment anke fuq il-media minħabba li l-Quddiesa kienet imxandra live fuq TVM. Pussess tal-Kappillan

63.03.16 Is-Sur David Schembri qal illi għandu jiġi ppubblikat *pamphlet* zgħir għall-Vizti għas-sebgħa vizti bil-Malti u bl-Ingliz akkumpanjat bil-mappa tal-Qrendi. Dan bil-għan li jkun promoss it-turist reliġjuz. Sebgħa Vizti

63.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

63.04.01 Dwar Triq il-Ġwiewel, is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem illi dan l-ilma kien sejjer f'barriera li issa ġiet mimlija bil-karozzi tal-*Gold Car* u li issa hu inaċċettabbli li din tibqa' timtelà bl-ilma tax-xita. Madankollu kien hemm ittra bl-avukat ta' bidwi li ssemma' bil-laqam li qed joġġezzjoni Triq il-Ġwiewel



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

għaliex l-ilma tax-xita issa dieħel fil-għalqa tiegħu u qed jagħmillu l-ħsara. Is-Sindku qal illi kien deċiz mill-awtorità responsabbli mit-toroq li din il-ħofra timtelà bil-konkos.

63.05 **Andament laqgħa pubblika tal-lokalità** — Laqgħa pubblika tal-Lokalità

Dwar il-laqgħa pubblika tal-lokalità li nzammet ezattament qabel din il-laqgħa tal-Kunsill, kien hemm dizappunt għaliex ma attenda ħadd sakemm ma kienx hemm xi persuni qed isegwu b'mod remot fuq it-tagħmir elettroniku tagħhom.

63.06 **Estimi Finanzjarji 2024 - Prijoritajiet tal-lokalità** — Estimi Finanzjarji

L-ewwel abbozz se jkun disponibbli fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li jmiss. Madankollu l-prijoritajiet ta' spejjez kapitali se jibqgħu dawn: il-Ġnien ta' biswit iċ-Ċentru Ċiviku, it-tkomplija taċ-Ċentru Ċiviku u l-pavimentar tal-Isqaqien skont 63.15

63.07 **Jum / Ġieħ il-Qrendi 2024 – ħatra ta' bord ta' evalwazzjoni** — Jum/Ġieh il-Qrendi

Kif kien deċiz, Jum il-Qrendi se jsir nhar it-18 ta' Frar 2024 kif ukoll Ġieh il-Qrendi se jsir nhar is-16 ta' Frar 2024.

Fl-eventwalità li jkun irid jiġu evalwati in-nomini, għandu jinħatar bord iffurmat minn persuna mill-Parroċċa, mill-Iscouts, mill-Kumitat tal-Football, mis-Soċjetà Muzikali Lourdes, mis-Soċjetà Santa Marija, mil-Kazin tal-Partit Laburista u mil-Kazin tal-Partit Nazzjonalista biex jirrakkomanda lill-Kunsill.

63.08 **PA/06976/21 - Barriera Ex SM22, Ix-Xagħri l-Imqalleb, limiti tal-Imqabba** — Tarmac Plant

Dwar il-protesta paċifika li saret fil-Qrendi organizzata mill-NGO's is-Sindku, is-Sur David Schembri sostna li din ma kienetx *politically motivated* ħlief għall-ħsieb ta' xi ħadd li ma ssemmiex b'ismu. Hu qal illi kien hemm ħafna persuni li attendew u li ma kienux mir-raħal u lanqas mill-Imqabba.

Is-Sa Marion Parnis qalet illi hija għandha ħafna aktar firem li nġabru minn zewġ stabbilimenti li semmiet b'isimhom u għandhom jiġu pprezentati dalwaqt lilna.

Intant, ġaladarba is-CEO tal-Awtorita tal-Ippjanar jagħtina data oħra, aħna se nkunu lesti li niltaqgħu magħhom.

63.09 **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti SCH 01 (20/11/23 – 18/12/23) u SCH 188 (Ref: AA/11-1)** — Ċedola tal-pagamenti

Kienu awtorizzata l-pagamenti kollha taċ-ċedola tal-pagamenti li kienu pprezentati ma' din l-agenda għajr dak ta' St Peter's Ironmongery li kien overcharged b'€1.

63.10 **Tismija ta' toroq - Triq Congreve** — Tismija ta' Toroq



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

Il-Kumitat Nazzjonali tat-Tismija tat-Toroq kien tal-ideja illi parti minn Triq Congreve tissemma mil-ġdid. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi hu konxju li dan mhux se jkollu impatt fuq xi residenti li jkollhom jibdlu l-karta tal-identità u għaldaqstant qabel mal-proposta. L-ismijiet suġġeriti huma Triq il-Ħnejja, Triq Widnet il-Baħar, Triq il-Merill u Triq in-Nizla; f'din l-ordni.

63.11 **Performance Appraisals** Performance Appraisal

Il-Performance Bonus deċiz lill-impjegati hu kif ġej:
Is-Sa Ritienne Giorgino 10% u l-5% l-oħra jrid japprovahom id-Dipartiment Gvern Lokali (pro rata għax-xhur li ħadmet fl-2023)
Is-Sur Anthony Bonello10% u l-5% l-oħra jrid japprovahom id-Dipartiment Gvern Lokali (pro rata għax-xhur li ħadem fl-2023)
Is-Sa Stephania Grixti 6%
Is-Sur Carl 3% għax għadu ma laħaqx l-istandards tal-modus operandi tal-Kunsill.

63.12 **Approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Knis tat-Toroq Urbani** Kuntratt tal-Knis tat-Toroq

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi filwaqt li approva unanimament ir-rapport tal-evalwaturi, se joqgħod fuq il-parir li tawna mid-Dipartiment tal-Kuntratti, in vista illi hemm zewġ offerenti li ġabu l-istess punti u li tefgħu l-offerta bl-istess prezz skont kif evalwat mil-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-Offerti. Kien unanimament deċiz illi nibgħatu għall-kuntratturi u nkellmuhom biex jinqasam il-kuntratt fuq il-perjodu ta' zmien biex wieħed ikun qed joffri s-servizz għal nofs il-perjodu li ħareġ; bejn Saviour Mifsud u Owen Borg.

63.13 **Blue Grotto Network (EBCAN)** EBCAN

Is-Sur David Schembri spjega illi l-*European Blue Cave and Network* hija aġenzija Nazzjonali u qal illi t-*Tourist Board* jixtiequ jagħmlu konferenza f'Malta ffinanzjata mill-MTA.

63.14 **Sebbaħ Pajjizek** Sebbaħ Pajjizek

Ara 63.15

63.15 **Development Fund** Development Fund

Is-Sindku, is-Sur David Schembri spjega illi Sebbaħ Pajjizek hija inizjattiva fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar abbinata mad-Development Fund. Hu qal illi dan il-fond jagħtik Eur50,000 *over and above id-Development Fund* meta wieħed jibni. L-applikazzjoni trid tkun *endorsed* mir-Regjun Punent. L-intenzjoni hija li jkunu pavimentati:

- Triq il-kbira Sqaq Nu 1, 2 u 4
- Triq il-Guarena Sqaq Nu 1 u 3
- Triq Lourdes
- Triq il-Parroċċa
- Triq iz-Zurrieq Sqaq Nu 1

Nhar id-19 ta' Diċembru, is-Sur David Schembri se jmur mal-Perit Jeremy Mangion jaraw dawn is-siti għaliex irridu l-approvazzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar l-infrastruttura tad-drenaġġ u tal-ilma.

63.16 **Trasferiment ta' Vacation Leave** Trasferiment ta' Vacation Leave

Kien unanimament deċiz mil-Kunsill Lokali tal-Qrendi li jkunu trasferiti s-siegħat tal-*Vacation Leave* tas-Sa Stephania Grixti mill-2023 għall-2024.

63.17 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u l-Kunsill Lokali tal-Qrendi se jiltaqa' nhar it-22 ta' Jannar 2024 fil-5:30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 22 ta' Jannar 2023 minn David Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;